**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 60** - It-Tlieta 21ta' Novembru 2023 fil-11:15am.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali t-Tlieta 21ta' Novembru 2023 fil-11:15am.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Joseph Ciantar | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## 60.1 Talba

60.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

60.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 60.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

60.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 60.4 Laqgħa b'urġenza rigward approvazzjoni ta' stimi relatati mal-proġett Amppa.

60.4.1 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li kellha tinżamm laqgħa b'urġenza biex jiġu diskussi xi materja dwar il-proġett Amppa.

60.4.2 Is-Sindku spjega kif għall-istimi li nġabru tal-pots jidher li mhux ser jifdal żmien biżżejjed sabiex dawn ikunu f'idejna peress li l-proġett jagħlaq fl-aħħar ta' Novembru u b'hekk il-Kunsill ikun fir-riskju li jitlef il-fondi. Il-Kunsill qabel li għandu jwaqqa' din l-istima.

60.4.3 Ġew preżentati r-rapporti tal-Evalwazzjoni tal-istimi tal:-

:-*Experimentation for the purpose of reducing the impact of the fishing tools of trammel net and gillnet fishery on biodiversity* - L-unika offerta mitfugħa li kienet kompatibbli kienet mingħand Kelly Cassar għall-prezz ta' €9950 + VAT. Il-Kunsill approva r-rapport u sar qbil li jikkonferma dan ix-xogħol.

60.4.4 Stima oħra li nħarġet bħala studju tas-sajd taħt il-proġett Amppa kienet dik ta' *Surveying the trammel net and gillnet fishing grounds within Maltese marine protected areas.* L-unika offerta mitfugħa li kienet kompatibbli kienet mingħand Kelly Cassar għall-prezz ta' €9950 + VAT. Il-Kunsill approva r-rapport u sar qbil li jikkonferma dan ix-xogħol.

**60.5 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

60.5.1 Il-laqgha ntemmet f'nofsinhar .

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Joseph Ciantar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**